32001R1318

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1318/2001

tad-29 ta' Ġunju 2001

li jadotta il-bilanċ u jiffissa l-għajnuna għall-provvediment ta' prodotti mis-sezzjoni tal-bajd u laħam tat-tjur domestiku lill-gżejjer Canary skond arranġamenti provduti fl-Artikli 2,3 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 rigward miżuri speċifiċi għall-gżejjer Canary f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti prodotti agrikoli [1], hekk kif ġie amendat mir-Regolament (KE) Nru 2826/2000 [2] u b'mod partikulari l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(4) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-Artikli 2,3 u 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1601/92 huwa neċessarju li fuq naħa tiġi determinata, għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur domestiku u għas-sena tas-suq 2001/02, l-kwantità ta' laħam u bajd ta' l-estimazzjoni tal-bilanċ ta' provvisti li tibbenefika minn eżenzjoni mid-dwana ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi jew minn għajnuna għal kunsinja li toriġina fil-bqija tal-Komunità, u fuq in-naħa l-oħra, il-kwantitajiet ta' materjal għat-trobbija li joriġinaw fil-Komunità u li jibbenifikaw minn għajnuna bil-għan li jkun hemm żvilupp ta' potenzjal għall-produzzjoni fl-arċipelagu tal-Canaries.

(2) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-ammonti ta' għajnuniet li ssemmew hawn fuq għall-provvisti ta' l-arċipelagu, ta' laħam u bajd fuq naħa, u, fuq in-naħa l-oħra, ta' materjal għat-trobbija li joriġina fil-bqija tal-Komunità. Dawn l-għajnuniet għandhom jiġu stabbiliti u wieħed għandu jikkunsidra b'mod partikulari l-ispejjeż tal-provvisti mis-suq dinji, kundizzjonijiet minħabba s-sitwazzjoni ġeografika ta' l-arċipelagu u l-bażi tal-prezzijiet kurrenti fuq l-esportazzjoni għall-pajjiżi terzi għall-annimali u l-prodotti konċernati.

(3) Ir-regoli komuni u dettaljati għall-implimentazzjoni għall-provvisti ta'ċerti prodotti agrikoli għall-Gżejjer Canary ġew stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2790/94 [3] hekk kif ġie amendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1620/1999 [4].

(4) L-arranġamenti ta' provvisti speċifiċi qed tinżamm milli titwettaq u sabiex jiġi evitat xi qtugħ fl-applikazzjoni ta' arranġamenti ta' provvisti speċifiċi, il-bilanċ tal-provvisti għandu jiġi stabbilit fil-perijodu ta' l-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2001.

(5) Sussegwenti għar-Regolament (KEE) Nru 1601/92, l-arranġamenti tal-provvisti japplikaw mill-1 ta' Lulju; filwaqt li l-provvedimenti ta' dan ir-Regolament għandhom jibdew jitwettqu mill-ewwel.

(6) Il-miżuri provduti għal dan ir-Regolament qegħdin bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-laħam tat-tjur domestiku u Bajd.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1601/92, il-kwantitajiet ta' l-estimu tal-bilanċ tal-provvisti mis-sezzjonijiet tal-bajd u laħam tat-tjur domestiku li jibbenefikaw mill-eżenzjoni mid-dwana ta' l-importazzjoni fuq prodotti, jew li jibbenifikaw mill-għajnuna tal-Komunità għall-prodotti li ġejjin mill-bqija tal-Komunità, se jkunu hekk kif ġew stabbiliti fl-Anness 1 ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 2

1. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 160192 l-għajnuna għall-prodotti inklużi fl-estimu tal-bilanċ tal-provvisti u li ġejja mis-suq tal-Komunità għandha tiġi stabbilita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

2. Prodotti li jibbenifikaw mill-għajnuna għandhom ikunu speċifikati skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 [5] u b'mod partikulari Setturi 8 u 9 ta' l-Anness ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 3

L-għajnuna provduta fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1601/92 għall-provvisti ta' materjal għat-trobbija li jikkonsisti fi tjur domestiku lill-Gżejjer Canary. Dan il-materjal joriġina mill-Komunità kif ukoll in-numru ta' flieles u bajd ta' tfaqqis li jibbenifikaw minn dik l-għajnuna li għandha tkun iffissata fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2001.

[1] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13.
[2] ĠU L 328, tat-23.12.2000, p. 2.
[3] ĠU L 296, tas-17.11.1994, p. 23.
[4] ĠU L 192, ta' l-24.7.1999, p. 19.
[5] ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Estimu tal-bilanċ tal-provvisti għall-Gżejjer Canary rigward il-prodotti mis-setturi tal-bajd u laħam tat-tjur domestiku għaż-żmien l-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2001.

(in tonnes)

Kodiċi CN	Deskrizzjoni tal-materjal	Kwantità [1]
ex 0207	Laħam u skart li jittiekel, friżat, tat-tjur domestiku fit-titlu Nru 0105, minbarra prodotti li huma fit-titlu sekondarju 0207 23	18 600 [2]
ex 0408	Bajd ta' l-għasafar, mhux fil-qoxra, u isfra tal-bajd, nixfin, kemm jekk għandhom żieda ta' zokkor, jew ħlewwiet oħra, u kemm jekk le, adattati għall-ikkunsmar.	100

[1] Piż tal-prodott
[2] Li minnu 200 t għall-ipproċessar u/jew ippakkjar.

L-ANNESS II

Ammonti ta' għajnuna mogħtija għal prodotti mis-suq tal-Komunità

(EUR/100 kg)

Kodiċi tal-prodott	Ammonti ta' għajnuna
0207 12 10 9900	20
0207 12 90 9190	20
0207 12 90 9990	20
0207 14 20 9900	5
0207 14 60 9900	5
0207 14 70 9190	5
0207 14 70 9290	5
0408 11 80 9100	30
0408 91 80 9100	33

Nota: Il-kodiċi tal-prodotti u l- footnotes huma definiti fir-Regolament (KEE) Nru 384687.

L-ANNESS III

Provvisti lill-gżejjer Canary ta' materjal għat-trobbija li joriġina fil-Komunità għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2001 – flieles u bajd ta' tfaqqis.

(EUR/100 units)

Kodiċi CN	Deskrizzjoni tal-materjal	Numru	Għajnuna
ex 0105 11	Provvista ta' flieles ġenituri jew nanniet [1]	50 000	1,0
ex 0407 00 19	Bajd ta' tfaqqis għall-produzzjoni ta' provvisti ta' flieles ġenituri jew nanniet	50 000	1,0

[1] Bi qbil mad-definizzjoni provduta fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 278275 (ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p.100).